

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 19/2009

tal-5 ta' Frar 2009

li temenda l-Anness XXII (il-liġi tal-Kumpaniji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XXII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 59/2008 tal-25 ta' April 2008 ⁽¹⁾.
- (2) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1004/2008 tal-15 ta' Ottubru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1725/2003 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 39 u l-Istandard Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) 7 ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 10ba (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003) tal-Anness XXII tal-Ftehim:

“— **32008 R 1004:** ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1004/2008 tal-15 ta' Ottubru 2008 (ĠU L 275, 16.10.2008, p. 37).”

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1004/2008 fil-lingwa İzlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar is-6 ta' Frar 2009, kemm-il darba ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, il- 5 ta' Frar 2009.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

⁽¹⁾ ĠU L 223, 21.8.2008, p. 60.

⁽²⁾ ĠU L 275, 16.10.2008, p. 37.

(*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.